**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2022

Appell Inferjuri Numru 158/2021 LM

**Anwar Shujaa**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-30 ta' Novembru, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord laqa' b'mod limitat l-appell tar-rikorrent **Anwar Shujaa** [minn issa 'l-appellat'], u

idderieġa lill-Identity Malta Agency tirrevedi l-applikazzjoni tar-rikorrent u tiddeċiedi dwarha mill-ġdid.

**Fatti**

2. Fit-13 ta' Marzu, 2020, ir-rikorrent ippreżenta applikazzjoni għal Permess Uniku fir-rigward ta' Residenza u Xogħol ma' Identity Malta Agency. Wara li Identity Malta eżaminat l-applikazzjoni u għamlet il-verifiki kollha neċessarji, ħarġet approvazzjoni *in principle* favur ir-rikorrent, li permezz tagħha dan ingħata żmien sitt xhur mid-9 ta' Novembru, 2020 sabiex jieħu l-passi meħtieġa, fosthom l-applikazzjoni għal *visa*, sabiex ikun jista' jidħol fil-pajjiż u jibda bl-impjieg tiegħu. F'din l-ittra, ir-rikorrent ġie mgħarraf li "... *your request has been granted in principle, but it is important to understand that this letter is NOT your work permit."* Ir-rikorrent ġie mgħarraf li huwa seta' jivvjaġġa lejn Malta sabiex jibda l-impjieg tiegħu hawnhekk, sakemm huwa jissodisfa r-rekwiżiti kollha l-oħra marbuta mal-immigrazzjoni, u din l-approvazzjoni kienet qegħda tingħatalu suġġett għal kull approvazzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa mill-awtoritajiet Maltin, fosthom dawk tas-saħħa, rekwiżiti marbuta mal-*visa* u restrizzjonijiet oħra marbuta mal-ivvjaġġar minħabba l-pandemija. Ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll li jekk tinħariġlu l-*visa* sabiex ikun jista' jidħol f'Malta, huwa jingħata l-permess ta' residenza u xogħol wara li jasal Malta, skont liema permessi jkunu japplikaw għalih.

3. Jirriżulta li fi Frar tal-2021, Identity Malta ħarġet *policy* ġdida li ġiet ippubblikata wkoll fuq il-*website* tagħha, liema *policy* kienet tgħid li minħabba r-restrizzjonijiet ta' safar li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid-19, Identity

Malta kienet qegħda tagħti l-possibilità ta' estensjoni ta' sitt xhur sabiex l-applikant ikun jista' jasal Malta. Identity Malta offriet ukoll il-possibilità li tinħareġ *credit note* lill-*employer* prospettiv, li tkun tista' tissarraf f'applikazzjoni oħra ġdida, f'*renewal* jew *change of employer* taħt l-istess sistema. Dawn il-*policies* kellhom terminu ta' validità ta' sitt xhur, u l-*employers* prospettivi ġew mgħarrfa li f'każ li jonqsu milli jinfurmaw lil Identity Malta bid-deċiżjoni tagħhom fit-terminu mogħti, l-approvazzjoni temporanja mogħtija lill-applikant ma kinitx ser tiġi estiża. Identity Malta spjegat li dak iż-żmien il-ħsieb kien li l-impjegati prospettivi li kellhom bżonn *prospective employers* u li kienu laħqu ġew approvati biex jaslu Malta qabel il-31 ta' Marzu, 2020, ma setgħux jipprevedu dawn ir-restrizzjonijiet, u għalhekk kien hemm riskju li dawn ma jaslux Malta fiż-żmien mogħti. Identity Malta qalet li għalhekk ġiet introdotta din il-*policy* sabiex din id-diffikultà setgħet tiġi solvuta. Qalet ukoll li f'Mejju tal-2021, Identity Malta infurmat lill-*prospective employer* li kien ippreżenta l-applikazzjoni f'isem l-applikant, b'din il-possibilità, u infurmatu li kellu jagħmel l-għażla tiegħu fi żmien ħmistax-il ġurnata tax-xogħol minn meta jirċievi din l-ittra. Identity Malta qalet li min-naħa tagħha hija ma rċeviet l-ebda risposta mingħand il-*prospective employer* tar-rikorrent, u għalhekk hija kkonkludiet li dan ma kellu ebda intenzjoni li jibbenefika minn din il-*policy.* F'Mejju 2021, Identity Malta bagħtet *refusal letter* lill-applikant fejn infurmatu li ma rċevietx risposta biex il-perijodu ta' sitt xhur jiġi estiż, u għalhekk l-approvazzjoni *in principle* kienet qegħda tiġi irtirata. L-applikant intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord fil-25 ta' Mejju, 2021.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Novembru, 2021, il-Bord iddeċieda li d-deċiżjoni ta' Identity Malta għandha tiġi revokata, u laqa' l-appell tar-rikorrent b'mod limitat, b'tali mod li estenda l-*approval-in-principle letter* għal perijodu ta' sitt xhur oħra, awtorizza lil rappreżentant tal-*employer* prospettiv jagħmel *affidavit* fejn jiddikjara li s-servizzi tar-rikorrent għadhom meħtieġa, u idderieġa lill-Aġenzija Identity Malta tiffaċilita l-proċess tal-ħruġ tal-*visa* meħtieġa mir-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1.* ***Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 19th May, 2021, Identity Malta Agency stated that the relative application for a Single Permit had been rejected for the following reason: "*Reference is made to the 'Credit Note or Extension of Approval in Principle Letter Offer' wherein you were granted two options. Given that you have failed to inform Identity Malta Agency with your option within fifteen working days from receipt of this communication, the approval in principle issued by the Agency is being withdrawn";

*Saw the appeal registered on 25th May, 2021; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 26th July, 2021.*

*2.* ***Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, among other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be*

*physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board noted that the Agency addressed its decision to the prospective employer (Arkafort Limited – 122, Triq iċ-Ċawsli, Ħal Qormi), not to the appellant. This is in violation of Regulation 15 of S.L. 217.17, which requires that the appellant be personally served with the decision. No appeal can be* fuori termine *when the decision subject to appeal was addressed to the prospective employer, not to the appellant personally.*

*The Board noted that in paragraph 6 of its reply, the Agency argued that as its decision was pursuant to a "*pragmatic administrative initiative" *this Board lacked competence to adjudge the appeal in terms of Article 25A (1)(c) of the Immigration Act.*

*The Board noted that in virtue of Regulation 3(1)(a) of Subsidiary Legislation 595.07, Identity Malta Agency* "shall carry out functions and duties of the public administration" *in relation to "*visas, residence permits, work permits and other administrative matters related to expatriates."

*Article 25(1)(c) of the Immigration Act empowers this Board to "*hear and determine appeals or applications in virtue of the provisions of this Act or regulations made thereunder or in virtue of any other law."

*It is clear to the Board that as this is an appeal concerning a Single Permit application lodged pursuant to the provisions of S.L. 217.17, this Board enjoys competence to handle this appeal. Article 25A(1)(c) makes that clear* (*"*... to hear and determine appeals or applications in virtue of the provisions of this Act or regulations made thereunder ...").

*The administrative methodology which the Agency adopts is also subject to the Board's scrutiny. This is because S.L. 217.17 itself spells out what methods the Agency must use to process Single Permit applications. This Board must therefore examine whether the methods used by the Agency were lawful. This is not because the Board enjoys competence to examine how administrative authorities operate, but simply because the Agency's administrative procedures do not operate* in vacuo, *but greatly affect the immigration status of applicants and appellants. Therefore, insofar as the Agency's methods impact the immigration status of applicants and appellants, those methods can be scrutinised by this Board.*

*The Board now refers to paragraphs 3, 4 and 5 of the reply and notes that the Agency was wrong to only notify prospective employers. The wording of S.L. 217.17 refers*

*specifically to applications being lodged by applicants, not by prospective employers. Therefore, the Agency had to allow the applicants themselves to choose, not their prospective employers. It is the applicant who is in control of his application. Therefore, all communication must be addressed to the applicant, not the prospective employer.*

*The holding of a press conference and the publication of the new administrative procedure on the website do not operate in such a way as to bypass the text and the spirit of the law.*

*There is also an inconsistency in the Agency's reply. Whereas in paragraph 3, the Agency claims that it had informed the prospective employer via the postal services, in paragraph 5 it then states that "*the appellant failed to inform the Agency."

*How can the Agency expect the appellant to provide feedback when it would have addressed its communication not to him, but to the prospective employer?*

*Having made these considerations, the Board holds that it does have competence to decide this appeal and shall provide further hereunder.*

*3. **Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board revokes the Agency's decision, accepts the appeal in a limited manner and directs:*

- *That in view of the pandemic and the difficulties in travel between Member States and non-EU countries, the approval-in-principle letter is being extended by the Board for a period of six months, starting from the date of receipt of this decision;*
- *That pursuant to this, within two weeks from this decision, an authorised representative of the prospective employer is to submit an affidavit to Identity Malta Agency declaring (if such is still the case) that the appellant's services are still needed;*
- *That Identity Malta Agency, particularly the section dealing with visas, is to afford the appellant all necessary facilitation (in view of the approval-in-principle) according to law.*

*Thereafter, based on the relative affidavit, the Agency is to review the appellant's application and decide afresh.*

*The Board orders that this decision be served on the appellant, on the prospective employer, on Jobsplus and on Identity Malta Agency without delay."*

**L-Appell**

5. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fil-21 ta' Diċembru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-30 ta' Novembru, 2021, u tordna lill-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid skont il-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti. L-appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u qalet li skont l-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217, il-Bord għandu jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-Att jew tar-regolamenti li saru taħtu, jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra. Qalet li dan il-każ jittratta *policy* li nħolqot minnha l-appellanta, u għalhekk din il-*policy* la hi disposizzjoni taħt l-Att, la hija disposizzjoni ta' regolament magħmul taħt l-Att, u lanqas hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra. L-appellanta spjegat li din il-*policy* inħolqot minnha sabiex l-*employers* prospettivi jkollhom benefiċċju addizzjonali li ma taħsibx għalih il-liġi li permezz tagħha ġiet trasposta d-Direttiva tal-Kunsill 2011/98/KE. Qalet li din il-*policy* nħolqot minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali li ġabet magħha l-pandemija, u r-restrizzjonijiet bla preċedent li nħolqu fis-settur tal-ivvjaġġar. L-appellanta spjegat li filwaqt li hija taqbel mal-Bord li huwa għandu l-kompetenza li jara li hija mxiet mal-liġi fl-ipproċessar tal-applikazzjoni, ċertament li mhuwiex il-każ li l-Bord jista' jagħti provvediment dwar il-*policy* li hija tgħid li nħarġet bħala benefiċċju *ex gratia.* Qalet li *ai termini* tal-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* il-leġislatur ma riedx li l-Bord tal-Appelli jkollu kompetenza oltre dik stipulata fil-paragrafu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li għalhekk il-Bord kien żbaljat meta ma laqax l-aggravju tagħha dwar in-nuqqas ta' kompetenza u minflok sab li għandu kompetenza li jisma' l-appell li sar quddiemu.

6. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija *ultra vires* u *extra petita,* stante li l-Bord m'għandux funzjoni ta' regolatur ta' *policies,* liema *policies* jaqgħu taħt il-mansjonijiet ta' Identity Malta. Qalet li l-Bord idderieġa li l-approvazzjoni *in principle* għandha tiġi estiża għal sitt xhur oħra min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord. Qalet li l-Bord m'għandux il-funzjoni li jirregola *policies* li jinħarġu mill-appellanta, u għalhekk ma setax jestendi terminu li mhux mogħti mil-liġi, jiġifieri bil-minimi imposti mid-Direttiva tal-Kunsill 2011/98/KE li ġiet trasposta fil-liġi Maltija. Qalet ukoll li hija dejjem iżżomm f'moħħha l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u meta tinħareġ *policy* bħal dik in kwistjoni, hija tkun qieset diversi fatturi li għandha tqis flimkien mal-awtoritajiet ikkonċernati. Qalet ukoll li huwa għalhekk li l-ebda permess ma jinħareġ għal żmien indefinit, għaliex kull permess dejjem irid jiġi eżaminat fil-kuntest tal-ħtiġjiet attwali tal-pajjiż fis-suq tax-xogħol. Qalet li huwa għalhekk li meta jinħareġ permess *in principle,* l-applikant jingħata żmien sabiex jirregola ruħhu f'dak li għandu x'jaqsam mad-dħul tiegħu fil-pajjiż, u dan iż-żmien ikun wieħed ta' ftit xhur, għaliex ma jistax jiġi preżunt li wara li jkun għadda ħafna żmien, is-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-bżonnijiet u l-ħtiġijiet fis-suq tax-xogħol ser jibqgħu l-istess. Qalet li l-possibilità ta' estensjoni ta' dan it-terminu minħabba l-effetti tal-pandemija ngħatat minnha bħala *policy ex gratia*, u fl-ittra mibgħuta minnha hija għamlitha ċara li jekk l-impjegat jagħżel *credit note,* hija ser tkun qegħda tqis l-applikazzjoni tal-applikant il-ġdid bħala applikazzjoni ġdida. Qalet ukoll li dan isir fl-interess tal-pubbliku in ġenerali u fl-interess tas-suq tax-xogħol. Qalet li x-xogħol ta' Identity Malta f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ ta' *policies* ġodda fih ukoll element politiku, u hija ma tistax taqbad u toħroġ dawn it-tip ta' *policies in vacuo,* iżda wara li tkun ikkonsultat mal-awtoritajiet fil-pajjiż

u wara li jinżammu fuq quddiem il-ħtiġijiet tal-pajjiż. L-appellanta qalet li filwaqt li l-Bord għandu jistħarreġ jekk Identity Malta aġixxietx fil-parametri tal-liġi, dan m'għandux il-mansjoni li joħloq xi *policies* huwa stess. Il-Bord huwa munit sabiex jeżamina l-mertu tal-ilment li jkollu quddiemu, u sabiex jara jekk id-deċiżjoni tteħditx skont il-liġi, iżda m'għandux il-mansjoni li jsir hu r-regolatur tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż, billi arbitrarjament jestendi terminu li mhuwiex mogħti mil-liġi. L-appellanta qalet li għalhekk meta l-Bord estenda l-perijodu tal-approvazzjoni *in principle* b'sitt xhur, dan kien qiegħed jaġixxi *ultra vires* u d-deċiżjoni mogħtija minnu għandha titqies li hija *ultra petita.*

7. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord, senjatament it-tielet paragrafu tagħha, hija waħda irritwali u ma tistax tagħmel stat fil-konfront tal-*Visa Unit.* L-appellanta spjegat li fil-parti konklussiva tad-deċiżjoni tal-Bord, dan idderieġa lill-*Visa Unit* sabiex tiffaċilita l-proċess tal-ħruġ tal-*visa* lill-appellat, iżda din il-parti tad-deċiżjoni hija irritwali. Spjegat li fl-ewwel lok, il-permessi ta' residenza u l-*visas* huma għal kollox separati u distinti minn xulxin, u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-appellat ma kinitx tikkonċerna *visa,* iżda permess ta' residenza. L-appellanta qalet li huwa inkonċepibbli kif il-Bord qiegħed iħallat dawn iż-żewġ awtorizzazzjonijiet flimkien. B'żieda ma' dan, l-appellanta qalet li l-*Visa Unit* minkejja li tifforma parti mill-Aġenzija Identity Malta, hija regolata b'liġi separata, u din il-*unit* la kienet parti mid-deċiżjoni ta' Identity Malta, u lanqas ma kienet parteċipi fl-appell li sar quddiem il-Bord. Qalet li għalhekk din il-*unit* ma kellhiex l-opportunità tressaq provi jew sottomissjonijiet fil-mertu, u l-provi u s-sottomissjonijiet kollha li tressqu kienu jikkonċernaw biss il-permess ta' residenza in kwistjoni. L-appellanta qalet li l-

Bord ma wera l-ebda raġuni għaliex il-*Visa Unit* għandha timxi b'mod differenti mal-appellat billi tipprovdilu faċilità speċjali biex tinħareġ il-*visa* tiegħu, u dan l-aġir jista' jitqies li huwa diskriminatorju mal-applikanti l-oħra, speċjalment meta l-appell ma kienx jikkonċerna l-ħruġ tal-*visa* jew xi nuqqas min-naħa tal-*Visa Unit.*

8. Flimkien mar-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta ppreżentat għadd ta' dokumenti, fosthom vera kopja tal-ittra tad-9 ta' Novembru, 2020, li permezz tagħha l-appellat ingħata l-approvazzjoni *in principle,* vera kopja tal-*policy* maħruġa mill-Aġenzija Identity Malta kif ippubblikata fuq is-sit tagħha stess, vera kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-*prospective employer* fir-rigward tal-*policy* l-ġdida, li kienet qegħda tiġi adottata in vista tal-miżuri marbuta mal-pandemija, vera kopja tar-*refusal letter* li nbtagħtet mill-appellanta lill-appellat, vera kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tat-30 ta' Novembru, 2021, u vera kopja tal-ittra elettronika tal-15 ta' Diċembru, 2021, li permezz tagħha l-appellanta ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat beda r-risposta tiegħu billi eċċepixxa żewġ eċċezzjonijiet preliminari għall-appell imressaq mill-appellanta. L-appellat qal li l-appellanta intavolat ir-rikors tal-appell tagħha b'mod tardiv fil-21 ta' Diċembru, 2021, u dan meta d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat fit-30 ta' Novembru, 2021, u d-deċiżjoni nġabret mir-rappreżentant legali tal-appellanta dakinhar stess li ngħatat. L-appellat qal li hija proċedura stabbilita li t-terminu li fih jista' jiġi intavolat appell mid-deċiżjoni tal-Bord huwa dak ta' għaxart ijiem, kif jirriżulta mill-artikolu

25A(8) tal-Kap. 217. Qal li filwaqt li ma kien hemm xejn x'ixekkel lill-appellanta milli tiġbor il-kopja tad-deċiżjoni tal-Bord, din stenniet sakemm ġiet informata b'mod informali permezz ta' *email,* sabiex wara li ġiet notifikata b'dan il-mezz, intavolat l-appell tagħha. L-appellat qal li għalhekk iż-żmien li fih kellu jiġi intavolat l-appell mill-appellanta skada fl-10 ta' Diċembru, 2021, bir-riżultat li l-appell tal-appellanta ġie intavolat ħdax-il jum wara li skada t-terminu tal-appell.

10. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-appellat jikkontendi li Identity Malta naqset li tinnotifikah b'mod korrett, għaliex in-notifika saret fil-post tax-xogħol prospettiv tal-appellat u mhux lill-appellat innifsu. Qal li huwa ma jinsabx Malta, u ilu jipprova jivvjaġġa lejn Malta għal aktar minn sena sabiex jibda l-impjieg tiegħu hawnhekk. Qal ukoll li t-tip ta' applikazzjoni sottomessa lill-appellanta kienet tindika *'Still Abroad',* u dan isir biss f'każijiet fejn l-applikant ma jkunx jinsab fiż-Żona Schengen. L-appellat qal li l-Aġenzija kellha u għad għandha l-informazzjoni kollha dwaru, inkluż l-indirizz tiegħu, u għalhekk ma kien hemm xejn x'ixekkilha milli tinnotifikah personalment. Qal li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 tistipula li l-appellant għandu jkun direttament infurmat bid-deċiżjonijiet tal-Bord, u għalhekk irid ikun l-appellat li jkun infurmat direttament b'kull deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu. L-appellat spjega li sa dan il-punt għad m'hemm l-ebda rabta bejn l-appellant u l-imgħallem prospettiv tiegħu, għajr għall-applikazzjoni li ġiet sottomessa f'isem l-appellat. Qal li ladarba din l-applikazzjoni għadha ma ġietx konkluża, il-permess ta' residenza tiegħu għadu ma ħariġx, u l-impjieg tal-appellat għadu mhuwiex irreġistrat mal-Aġenzija JobsPlus, tant hu hekk li l-appellat lanqas biss jinsab preżenti hawn Malta. L-appellat qal li għal dawn ir-raġunijiet, mhux permess li jintuża l-indirizz tal-post

tax-xogħol prospettiv tal-applikant bħala l-indirizz tiegħu f'Malta, u jekk l-appellanta riedet tinnofika lill-appellat bil-proċeduri tal-appell kontra d-deċiżjoni tal-Bord, kien messha għamlet dan permezz ta' notifika fl-indirizz residenzjali tal-appellat, u għalhekk il-proċess ta' notifika użat mill-appellanta kien wieħed difettuż. L-appellat qal li għal dawn ir-raġunijiet ma jistax jintqal li n-notifika tiegħu saret bil-mod kif titlob il-liġi.

11. B'riferiment għall-aggravji sollevati mill-appellanta, l-appellat għamel riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta fejn saħqet li l-Bord ma jgawdix il-kompetenza biex jisma' lanjanzi dwar *policies* tal-appellanta. Qal li l-ittra tad-19 ta' Mejju, 2021, tagħmel riferiment għall-fatt li l-appellat kellu kull dritt jappella mid-deċiżjoni ta' Identity Malta quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, u din l-ittra kkwotat ukoll l-artikolu 20(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, bħala l-artikolu li jagħti dan id-dritt lill-appellat. Qal li issa l-appellanta qegħda tikkontesta l-validità ta' dan l-artikolu, minkejja li hija mill-ewwel irrikonoxxiet l-awtorità tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, u huwa biss f'dan l-istadju li din qegħda tgħid li l-Bord mhux mogħni bil-kompetenza neċessarja biex jisma' u jiddeċiedi appelli fuq *policies.* Qal li minkejja li l-appellanta qajmet din l-oġġezzjoni quddiem il-Bord fir-risposta tagħha għall-appell intavolat mill-appellat, dan l-argument ġie miċħud fl-intier tiegħu mill-Bord. L-appellat qal li l-ebda liġi jew leġislazzjoni sussidjarja ma tistipula liema dokumentazzjoni hija meħtieġa biex persuna ddaħħal applikazzjoni għal wieħed mill-permessi li tagħti l-Aġenzija appellanta, u dawn huma kollha *policies* differenti li huma adoperati mill-appellanta. Qal li bl-istess kejl, l-appellanta ma tistax tiddeċiedi liema *policies* jaqgħu taħt il-mansjonijiet tal-Bord tal-Appell

dwar l-Immigrazzjoni, u liema le. L-appellat qal ukoll li ladarba l-*policy* l-ġdida implimentata mill-appellanta taffettwa l-proċess tal-għoti tal-permessi tax-xogħol, din taqa' taħt il-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, u għalhekk dan il-Bord għandu kull dritt jiddeċiedi fuq kwistjonijiet marbuta ma' din il-*policy.*

12. L-appellat qal li fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tisħaq li hija dejjem iżżomm quddiem għajnejha l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Qal li minkejja dan, hija l-Aġenzija Jobsplus li hija kompetenti dwar is-suq tax-xogħol, u l-appellanta m'għandha l-ebda jedd tarroga għaliha nnifisha mansjonijiet li jaqgħu taħt aġenzija differenti, f'tentattiv sabiex issostni s-sottomissjonijiet tagħha. L-appellant qal illi kieku l-appellanta verament iżżomm quddiem għajnejha l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, din ma kinitx timplementa unilateralment *policy* li taffettwa dan il-qasam mingħajr kollaborazzjoni mal-aġenziji kompetenti u mingħajr konsultazzjoni wiesgħa. L-appellat qal li l-Aġenzija JobsPlus mhijiex parti minn dawn il-proċeduri, u għalhekk ma tistax titqies li hija ġustament rappreżentata permezz tal-asserzjonijiet li saru mill-appellanta f'isimha. Qal li għalhekk l-appellanta ma tistax tiġġustifika l-aġir tagħha billi tgħid li żammet f'moħħha l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż, għaliex huwa l-*employer* li jkun offra l-impjieg lill-impjegat prospettiv li qiegħed barra l-pajjiż, li jista' jiddeċiedi dwar il-ħtiġijiet tal-kumpannija tiegħu. L-appellat qal li ma nġabet l-ebda prova li x-xogħol li huwa kien ser jagħmel ladarba jasal Malta ma kienx aktar meħtieġ, u għalhekk l-appellanta żgur li ma tistax tiddeċiedi jekk dan ix-xogħol huwiex meħtieġ jew le. L-appellat qal li l-appellanta ma tistax lanqas tiddeċiedi liema *policies* jaqgħu taħt il-mansjonijiet tal-Bord u liema le, u lanqas ma tista'

tilmenta jekk l-istess Bord iżommha responsabbli għall-implementazzjoni tal-*policies* tagħha stess. L-appellat qal li bid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ma ħoloq l-ebda *policy,* iżda sempliċement ordna li l-imsemmija *policy* tiġi eżegwita favur l-appellat, u hija l-istess *policy* tal-appellanta li tipprovdi dritt lill-appellant ikun jista' jestendi l-permess *in principle* tiegħu għal perijodu ta' sitt xhur. Kienet din il-*policy* li l-Bord ordna li għandha tiġi implementata. L-appellat qal li l-Bord stess fid-deċiżjoni tiegħu, innota diversi drabi kif huwa qatt ma ġie infurmat mill-appellanta b'dak li kien qiegħed jiġri, u dan bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan jindika li l-appellanta ma mxietx bil-mod kif titlob il-liġi. Qal ukoll li għalhekk huwa m'għandux ibati minħabba l-aġir tal-appellanta, ladarba ġie stabbilit li kienet hija stess li naqset li tinnotifika lill-appellat bil-mod preskritt mil-liġi. Qal li huwa inutli li l-appellanta tippubblika l-*policy* ġdida tagħha fuq il-*website* tagħha u permezz ta' konferenza tal-aħbarijiet, għaliex dak li jgħodd huwa li l-proċess isir b'mod korrett, ħaġa li f'dan il-każ ma saritx.

13. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li l-mansjonijiet tal-Bord jinkludu wkoll ilmenti dwar proċessi marbuta mal-għoti tal-*visas* kif jirriżulta mir-Regolament 3(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 595.07. Kompla jgħid li s-*Central Visa Unit* hija waħda mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-Aġenzija Identity Malta u ma tiffurmax aġenzija indipendenti, u għalhekk il-Bord ma mexiex b'mod irregolari meta rrefera għall-operat ta' din l-entità fid-deċiżjoni tiegħu kontra l-appellanta. Qal ukoll li fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ordna li Identity Malta, senjatament is-sezzjoni li tirregola l-ħruġ tal-*visas,* għandha tiffaċilita l-ħruġ tal-*visa* tal-appellat skont il-liġi, u għalhekk il-Bord ma awtorizza li jsir l-ebda trattament preferenzjali jew abbużiv favur l-appellat, iżda

ta biss struzzjonijiet sabiex is-*Central Visa Unit* tipproċessa l-applikazzjoni tal-*visa* tal-appellat b'mod effiċjenti u skont il-liġi. Qal ukoll li l-*policy* ta' Identity Malta stess tisħaq li din il-*policy* ġiet implimentata minħabba d-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija biex ħaddiema minn barra ż-Żona Schengen ikunu jistgħu jivvjaġġaw u jidħlu f'din iż-Żona. L-appellant qal ukoll li l-Bord f'din il-parti tad-deċiżjoni kien qiegħed jimplimenta l-istess *policy* ta' Identity Malta, u għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li l-Bord aġixxa lil hinn mill-kompetenza tiegħu. L-appellat żied jgħid li l-iskop ta' Identity Malta huwa li persuni li jeħtieġu aktar żmien biex jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen, ikunu jistgħu jagħmlu dan u biex dan isir hemm bżonn tal-kollaborazzjoni tal-entitajiet kollha, fosthom is-*Central Visa Unit.* L-appellat qal li l-Bord sempliċement issolleċita lis-*Central Visa Unit* tipproċessa l-applikazzjoni tal-appellat skont il-liġi, u għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li kien hemm xi trattament preferenzjali favur l-appellat. L-appellat qal li huwa ilu aktar minn sena jitħabat sabiex jitħalla japplika għal *visa* li permezz tagħha jkun jista' jivvjaġġa lejn Malta, ħaġa li sa issa ma kinitx possibbli għaliex is-*Central Visa Unit* ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovdi għajnuna lill-appellat, u għalhekk il-Bord m'għamel xejn ħażin meta ħeġġeġ lis-*Central Visa Unit* tiffaċilita l-proċess għal applikanti li għandhom bżonn jissottomettu l-applikazzjoni, iżda li għal xi raġuni jew oħra ma tħallewx jagħmlu dan.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Il-Qorti sejra tibda billi tikkonsidra l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-appellat, li l-appell intavolat mill-appellanta ġie intavolat tardivament. L-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 jistipula li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jiġu

intavolati quddiem din il-Qorti fi żmien għaxart ijiem. L-appellat jissottometti li ladarba d-deċiżjoni tal-Bord ingħatat fit-30 ta' Novembru, 2021, u l-appell tal-appellanta ġiet intavolat fil-21 ta' Diċembru, 2021, l-appell għandu jitqies li ġie ppreżentat *fuori termine.* L-appellat in sostenn tal-argument tiegħu, qal li l-kopja tad-deċiżjoni tal-Bord inġabret mill-avukat difensur ta' Identity Malta dakinhar stess li ngħatat id-deċiżjoni. Iżda l-appellanta baqgħet tikkontendi, anki waqt it-trattazzjoni, li hija ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Bord permezz ta' *email* li magħha kien hemm annessi s-sentenzi kollha li ngħataw mill-Bord fit-30 ta' Novembru, 2021, liema *email* intbagħtet fil-15 ta' Diċembru, 2021.

15. Huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti li mill-provi tasal għal konklużjoni dwar min mill-partijiet qiegħed jgħid il-verità, hux l-appellat li qiegħed jinsisti li l-avukat difensur tal-appellanta irtirat kopja tad-deċiżjoni dakinhar stess li l-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu, jew inkella għandhiex raġun l-appellanta li tgħid li hija ġiet notifikata bid-deċiżjoni tal-Bord permezz tal-*email* li ntbagħtitilha. Il-Qorti iżda kkonsidrat li mill-inkartament li ntbagħat lilha mill-Bord, jirriżulta li fuq id-deċiżjoni appellata, hemm timbru li sar mill-Bord, li jgħid: "*Decision collected from IAB on: 30 November, 2021*". Dan it-timbru ma jindikax minn min ġiet irtirata l-kopja tad-deċiżjoni, iżda huwa raġonevoli li jingħad li fil-ġranet appuntati mill-Bord sabiex fihom jingħataw id-deċiżjonijiet, l-appellanta tkun rappreżentata minn uffiċjal jew mid-difensur legali tagħha, sabiex dan jirtira kopja tad-deċiżjonijiet li jingħataw, partikolarment meta wieħed iqis it-terminu qasir li fih iridu jsiru l-appelli. Il-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen li aġenzija bħal m'hija Identity Malta, toqgħod tistenna li tiġi notifikata permezz ta' *email* bid-deċiżjonijiet dwar l-applikanti li ressqu l-applikazzjonijiet tagħhom quddiemha,

u ma tfittix li tikseb kopji tad-deċiżjonijiet li jingħataw mill-mument li l-Bord ikun ta d-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti tirrileva li l-applikazzjonijiet bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri, min-natura tagħhom ikunu applikazzjonijiet li jkunu ser jaffettwaw drastikament il-ħajja tal-applikanti, u żgur li m'huwa fl-interess ta' ħadd, la tal-aġenziji governattivi involuti u lanqas tal-applikanti, li l-proċess jitwal aktar milli huwa meħtieġ, jew li l-appellanta ma tkunx mgħarrfa bl-aħħar deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet li jkollha quddiemha, fil-mument li dawn jingħataw.

16. Fil-każ odjern, mill-inkartament fil-proċess jirriżulta li l-appellat huwa ċittadin Sirjan li kellu jmur jgħix fil-Lebanon għal xi żmien, naturalment minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li għaddej minnhom pajjiżu. L-appellat kellu jibda jaħdem hawn Malta bħala *software developer,* u għalhekk ix-xogħol li dan kien mistenni li jagħmel huwa wieħed li jinvolvi ċerta ħila, u li dejjem hawn il-ħtieġa għaliha. Ma jistax ikun li quddiem dawn iċ-ċirkostanzi umanitarji, din il-Qorti taċċetta l-pożizzjoni tal-appellanta, u tqis bħala verosimili li din qagħdet tistenna li tiġi notifikata bid-deċiżjoni tal-Bord permezz ta' *email.* Amministrazzjoni tajba tal-proċessi legali li għandha quddiemha l-appellanta, titlob li din ikollha uffiċjal jew ir-rappreżentant legali tagħha, li jikseb kopji tad-deċiżjonijiet tal-Bord hekk kif dawn jingħataw, partikolarment għaliex ħafna mid-deċiżjonijiet tal-Bord huma ta' natura urġenti, u l-applikanti ma jistgħux jitħallew jistennew aktar sabiex ikunu jafu x'ġejjieni hemm jistennihom. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi li l-appell intavolat mill-appellanta huwa wieħed *fuori termine,* u għalhekk qegħda tastjeni milli

tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji miġjuba mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta, li dan huwa irritu u null għaliex ġie intavolat tardivament.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**